# facebook

## *Information note*

be SMART ONLINE!

**? Do you actually know all your Facebook friends?**
Be careful who you add and accept as 'friends' on Facebook. Make sure that your friends on Facebook are really who they say they are.

**? Do you make use of the privacy settings on Facebook?**
You should check your privacy settings regularly as these are often changed or updated by Facebook. Ensure that your profile is always up to date with the latest settings. For help with privacy settings you can visit www.besmartonline.org.mt or call Helpline 179.

**? Are you in control of what you post on Facebook?**
Remember that anything posted online can be copied, edited and shared. So think before you post!

**? Do you know how the new search facility on Facebook works?**
The new graph search allows people who are **not** your friends on Facebook to search for your photos and posts. This will show all photos you are tagged in and which are public, as well as, posts which are also public.
The control is with the person who posted all this information. Your privacy settings determine what your friends or other people will find out about you when using this search facility. Keep your timeline private.
For more information send an email to 179.appogg@gov.mt or call Helpline 179.

**? What should you do if someone's actions and posts on Facebook bother you?**
Do not communicate with the person and press the BLOCK button.
You can speak to your parents, a teacher, a counsellor or call Helpline 179 for support.

**@ You should never give out personal information – you never know who is viewing your profile!**

**@ If you come across inappropriate material, which is insulting or makes you or your friends feel uncomfortable – report it! You can call the Helpline 179, send an email to 179.appogg@gov.mt or visit www.besmartonline.org.mt.**

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

mca
MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY



The project is co-funded by the European Union through the Safer Internet Programme and is part of the joint Insafe-INHOPE networks.

# facebook Nota ta' informazzjoni

be SMART ONLINE!

? **Inti veru tafhom lil dawk il-persuni li jidhru bħala *friends* tiegħek fuq Facebook?**
Oqgħod attent/a lil min taċċetta jew tpoġġi bħala *friend* fuq il-paġna tal-Facebook tiegħek. Kun żgur li l-*friends* tiegħek fuq Facebook huma tassew min jgħidu li huma.

? **Inti tuża l-*privacy settings* fuq Facebook?**
Għandek tiċċekkja l-*privacy settings* tiegħek fuq bażi regolari għax dawn ta' sikwit ikunu mibdula jew aġġornati minn Facebook stess. Kun żgur li l-paġna tiegħek hija dejjem miżmuma aġġornata bl-aħħar *settings*. Biex tikseb għajnuna dwar il-*privacy settings* tista' żżur www.besmartonline.org.mt jew iċċempel lill-Helpline 179.

? **Inti tħoss li għandek kontroll fuq dak li inti tpoġġi fuq Facebook?**
Ftakar li kull ħaġa li tpoġġi onlajn, tista' tiġi kkupjata, mibdula jew mibgħuta lil ħaddieħor. Aħseb sew qabel ittella' xi ħaġa onlajn!

? **Inti taf kif taħdem is-sistema l-ġdida ta' kif tfittex informazzjoni fuq ħaddieħor fuq Facebook?**
Il-*graph search* il-ġdida tagħti ċans lil nies, li ma humiex *friends* miegħek fuq Facebook, biex ifittxu dwarek kemm ritratti kif ukoll *posts*. Dan jgħodd għar- ritratti fejn inti ġejt *tagged* u li huma pubbliċi, kif ukoll *posts* li ukoll ikunu pubbliċi. Il-kontroll qiegħed f'idejn min ipoġġi din l-informazzjoni onlajn. Għalhekk il-*privacy settings* li inti tuża se jiddetermina x'se jaraw, kemm sħabek kif ukoll nies oħra, meta jfittxu dwarek b'din is-sistema. Żomm it-*timeline* tiegħek privat. Għal aktar informazzjoni ibgħat emejl fuq 179.appogg@gov.mt jew ċempel lill-Helpline 179.

? **X'għandek tagħmel jekk xi ħadd idejqek b'dak li jagħmel jew itella' fuq Facebook?**
Tibqax tikkomunika mal-persuna u agħfas il-buttuna BLOCK. Tista' titkellem mal-ġenituri tiegħek, l-għalliema, l-*counsellor* tal-iskola jew iċċempel lill-Helpline 179 għall-għajnuna.

@ **M'għandek qatt ittella' informazzjoni personali fuq il-paġna tal-Facebook tiegħek – qatt ma tista' tkun taf min qiegħed jara l-paġna tiegħek!**

@ **Jekk tiltaqa' ma' materjal mhux xieraq, li bih tħossok insulentat/a jew int u sħabek tħossukom skomdi bih, tiddejjaq xejn li tirrapporta. Tista' iċċempel lill-Helpline 179, tibgħat emejl fuq 179.appogg@gov.mt, jew iżżur is-sit www.besmartonline.org.mt**



APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

mca
MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

Dan huwa proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropeja permezz tas-*Safer Internet Programme* u jagħmel parti min-netwerk tal-*Insafe* u l-*INHOPE*.